MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2007

Numru 505/2007

Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)

vs

Walid Ali Bashir Esharoud

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Walid Ali Bashir Esharoud detentur ta’ passaport Libjan numru 446041, akkuzat talli fil-11 ta’ Gunju 2007 f’dawn il-Gzejjer, b’diversi b’qerq fetah oggett postali li kellu jigi kkunsinnat, jew b’qerq ghamel xi att li bih il-kunsinna xierqa ta’ oggett postali kienet impeduta, jew ikkomunika jew ghamel uzu minn xi taghrif miksub minn oggett postali hekk miftuh, ai termini ta’ l-artikolu 74(1) tal-Att Dwar is-Servizzi Postali, Kap 254 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuza migjuba kontra tieghu fl-liema ammissjoni huwa baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra u wara li kkonstatat li l-imputat fehem kemm l-import tal-akkuza u kemm dik tal-ammissjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuza hija impernjata fuq l-Artikolu 74(1) tal-Kap 254.

Mill-istqarrija tieghu l-akkuza tirrizulta ben pruvata. L-imputat fil-fatt ghazel li jirregistra ammissjoni, liema ammissjoni hija wahda volontarja u inkondizjonata.

B'danakollu l-Qorti hi sodisfatta li l-imputat ma kellux xi intenzjoni jew intenzjonijiet malizjuzi.

Ghalhekk wara li qieset ic-cirkustanzi u l-fatt li l-imputat ghamel tlett gimghat arrestat u rat l-Artikolu 74(1) tal-Kap 254 tiddeciedi li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' tlett xhur mill-lum.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu li johorgu minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------